Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 123/2023

## Il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru, 2023

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:30pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsill Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali l-Għarb |
| Is-Sur Eucharist Camilleri | Kunsill Lokali n-Nadur |
| Is-Sur Steven Mercieca | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali tal-Munxar |
| Dr. Marlene Cini | Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sur Aaron Agius | Kunsill Lokali x-Xagħra |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali ta' Sannat |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali x-Xewkija |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali tal-Fontana |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali Għajnsielem |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | Kunsill Lokali l-Għasri |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsill Lokali San Lawrenz |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President, Dr.Samuel Azzopardi ippresjeda l-Laqgħa.

**123.1 Talba**

123.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

**123.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

123.1.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħat 122 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**123.3 Rapport ta' Kull Kwart (Jan-Settembru 2023)**

123.3.1 Il-President talab sabiex l-ordni tal-Aġenda tinbidel peress li kien preżenti l-Accountant tar-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex sabiex jispjega r-rapport ta' kull kwart. Inġibdet l-attenzjoni li t-tielet u raba allokazzjoni tar-Reġjun għadhom ma daħlux fil-kont bankarju tar-Reġjun. Il-President informa lill-membri preżenti li l-pagi tal-maniġers issa qegħdin jinħarġu kollha mill-allokazzjoni tar-Reġjun. L-Accountant spjega li r-Reġjun għandu *shortfall* ta' madwar €270,000 u dan għaliex m'hemm l-ebda ftehim dwar il-rimbors tal-ispejjeż tal-ġabra tal-borża l-griza u tal-ħġieġ. Ir-Reġjun ilu jħallas dawn il-kontijiet minn Jannar 2023. L-Accountant kompla jispjega li r-Reġjun mhux qiegħed f'deficit, għaliex għandu fondi imfaddlin, iżda qed joħroġ iżjed minn dak li qed idaħħal.

123.3.2 Dr. Marlene Cini, Sindku taż-Żebbuġ staqsiet dwar ir-rimbors tas-70% li ittieħdu mill-allokazzjoni tal-Kunsilli biex jingħataw lir-Reġjun bħala *cash flow*. Hi kompliet tgħid li hemm Reġjuni oħra li m'għadhomx iħallsu lir-Reġjun tal-ġbir tal-iskart peress li r-Reġjun għandu flus il-Kunsill. Il-President u Segretarju Eżekuttiv qalu dan mhux permess u fl-aħħar tas-sena għandu jsir rendikont u jingħata lura fondi lill-Kunsill kif meħtieġ.

123.3.3 Ir-rapport ta' kull kwart Jannar-Settembru 2023 ġie approvat mill-membri preżenti.

**123.4 Komunikazzjoni tal-President u Korrispondenza**

123.4.1 Il-President semma mill-aħħar laqgħa is-sħubija tar-Reġjun Għawdex mal-Gozo Action Group Foundation (GAGF). Ma kienx hemm oġġezzjoni u għalhekk ir-Reġjun ser jitlob sabiex ikun membru ma' din il-fondazzjoni u jkun jista japplika għall-skemi.

123.4.2 Il-President informa lill-membri preżenti dwar Direttiva 2/2023 Pożizzjoni ta' Uffiċjali Maniġerali Reġjojnali. Din id-direttiva tgħid li l-kuntratt tal-maniġers għandu jkun wieħed indefinit meta l-uffiċjal jidħol fir-raba' sena u li s-salarju tkun l-ekwivalenti għall-massimu tas-salarju ta' Uffiċjal Pubbliku fi Skala 7, liema salarju jkun suġġett għaż-żidiet annwali applikabbli skont il-Ftehim Kollettiv għall-uffiċjali fis-Servizz Pubbliku.

123.4.3 Il-Presidenti qal li hu mhux kontra din iż-żieda iżda din id-direttiva ma saritx skont ir-regolamenti. Saret laqgħa ma' Presidenti ta' Reġjuni oħra u ġie deċiż li għalissa ma tingħatax din iż-żieda. Wieħed irrid jinnota li dawn il-maniġers huma marbutin b'kuntratt u ma tistax tkisser dan il-ftehim. Inġibed l-attenzjoni li s-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni jitħallsu bl-istess salarju u din mhux ġusta. Il-membri preżenti qablu mal-President li għalissa ma jsir l-ebda tibdil fil-kuntratti u salarji sakemm din tiġi diskussa mad-dipartiment.

123.4.4 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv ta' Ta' Kerċem dwar in-nuqqas ta' notifikazzjoni mal-bus stops meta x-xarabank ma tkunx ser tgħaddi minħabba għeluq ta' triq. Fil-passat xi ħadd kien ipoġġi tabella li tindika il-ħinijiet u direzzjoni minn fejn tista taqbad ix-xarabank. Dan m'għadux issir bil-konsegwenza li qed ikun hemm nies jistennew ix-xarabank meta din ma tkunx ser tgħaddi minn hemm. Ir-Reġjun għandu jibgħat ittra lit-TM fejn jitlob li dan is-servizz jerġa jibda jsir.

123.4.5 Il-President ġibed l-attenzjoni dwar il-ħatra ta' Viċi President fi ħdan il-Kamra tar-Regjuni tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali (Kunsill tal-Ewropa) tas-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-membri preżenti tar-Reġjun Għawdex qablu li għandha tintbagħat korrispondenza li tifraħ lis-Sur Fava għal din il-ħatra u unur.

123.4.6 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva korrispondenza mingħand il-European Committee of the Regions dwar il-Kamp tat-tfal mill-Ukraina. Huma rringrazzjaw lil Reġjun Għawdex u dawk kollha nvoluti fl-organizzazzjoni u twettiq ta' dan il-kamp. Din l-ittra inqrat kollha waqt is-seduta u ntbagħtet lil Kunsilli Lokali nvoluti.

123.4.7 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva korrispondenza mingħand l-Association of Ukrainian Cities. Dawn ukoll irringrazzjaw dawk kollha nvoluti fl-organizzazzjoni u twettiq tal-programm, speċjalment lill-membri amministrattivi tar-Reġjun. Din l-ittra wkoll inqrat waqt il-laqgħa tar-Reġjun.

Il-Presidenti qal li din l-inizjattiva kienet waħda sodisfaċenti ħafna. U jekk l-affarijiet jibqgħu fl-istess stat din l-inizzjattiva għandha terġa ssir is-sena d-dieħla.

123.4.8 Ir-Reġjun t'Għawdex irċieva korrispondenza mingħand Citadel Video Communications (CVC) dwar ħin skedat fuq il-programm Għawdex Illum għas-somma ta' €6900 + VAT li jinkludi il-logo tar-Reġjun ta' Għawdex fil-bidu u tmiem tal-programm u erbgħa sezzjonijiet ta' informazzjoni matul is-sena. Il-membri qablu, però xtaqu aktar dettalji. Għal dan il-għan għandha ssir laqgħa mas-CVC sabiex jiġu kkjarifikati tali dettalji.

123.4.9 Saret talba għall-"*sponsorship*" permezz ta' email mingħand il-*Gozo U15 team*. F'dan il-ħin il-President, Dr. Samuel Azzopardi, is-Sindku tax-Xewkija, is-Sur Hubert Saliba u l-viċi Sindku ta' Għajnsielem, is-Sur Steven Mercieca ħarġu mis-sala sabiex ma jieħdux sehem fid-diskussjoni minħabba kunflitt ta' nteress u sabiex ikunu konformi mal-liġi. It-tim informaw lir-Reġjun li huma ħa jieħdu sehem f'tournament f'Gardaland, l-Italja u talbu s-somma ta' €5,000 bħala *sponsorship.* Is-Segretarja nformat lill-membri preżenti li mhux permissibbli li r-Regjun jagħti *sponsorships* jew donazzjonijiet. Il-membri preżenti kollha barra wieħed ma qablux li tingħata għajnuna finanzjarja għaliex inkunu qegħdin noħolqu preċedent u jibdew ġejjin kwalunkwe tip ta' talbiet għall-għajnuna finanzjarja. Kien hemm qbil li minflok issir xi tip ta' skema għall-isport fejn il-Kunsilli jkunu jistgħu jorganizzaw xi attivita' jew issir xi tip ta' attività organizzata mir-Reġjun stess. Is-Sindku tal-Munxar talab biex jekk ikun jista jsir xi għajnuna għal dan it-tim (Gozo U15) jingħata.

123.4.10 Is-Sindku tal-Għarb is-Sur David Apap talab li jitkellem għaliex kellu bżonn jitlaq minħabba mpenji oħra. Hu qal li ġie avviċinat sabiex issir għajnuna f'Għawdex mill-Hospice Movement. Fil-preżent dan is-sapport mhux disponibbli f'Għawdex. Is-Sur Apap ġie avviċinat sabiex ikun hemm dan is-sapport u talab sabiex ir-Reġjun jgħin f'dan. Il-membri preżenti qablu li r-Reġjun għandu jgħin kif possibbli. Għalhekk is-Sur David Apap għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex issir laqgħa mar-repreżentant tal-Hospice Movement u s-Segretarja Eżekuttiva tar-Reġjun.

123.4.11 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva r-riżenja mingħand l-assistent skrivan, Marlon Spiteri. Hu kien applika biex jidħol mas-CPD qabel ma beda l-impjieg tiegħu mar-Reġjun u issa ngħata din il-pożizzjoni. Il-Kunsill Reġjonali Għawdex huwa imnikket li jarah iħalli l-pożizzjoni tiegħu mar-Reġjun, iżda jawguralu l-isbaħ xorti fl-impjieg il-ġdid tiegħu. Il-President informa lill-membri li x-xogħol tiegħu ser jibda jagħmlu l-assistent skrivan li beda l-impjieg mar-Reġjun f'Awissu li għada.

123.4.12 Ġie mġedded ir-remote working tal-Maniġer tal-IT b'xi tibdil fil-ħinijiet. Duty leave tal-maniġer tal-Kultura ġie approvat peress li ser tattendi laqgħat relatat max-xogħol tagħha. Il-membri qablu li dawn it-tip ta' approvazzjonijiet għandhom jittieħdu mis-Segretarju Eżekuttiv u m'hemmx għalfejn jgħaddu mil-laqgħat tar-Reġjun kemm il-darba ma jkunx hemm xi talbiet eċċessivi.

123.4.13 Il-Koordinatur tal-Komunikazzjoni tal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex bagħat email dwar is-social media tal-Kunsilli Lokali. Hu qed jissuġġerixxi li dawn ikunu kollha l-istess u aktar faċli għal utenti tas-Social media biex jsegwu il-paġni tal-Kunsilli Lokali.

123.4.14 Il-Kunsill Regjonali Għawdex ġie mitlub mingħand il-Kuntrattur KIP Gozo sabiex ifakkar lill-Kunsilli Lokali biex meta jinħareġ il-ħġieġ għar-riċiklaġġ dan irid jinħareġ f'kontenituri oltra minn boroż jew kaxxi tal-kartun għaliex dawn ikunu ta' periklu meta jixxarbu. Barra minn hekk il-kuntrattur talab sabiex f'toroq dojoq isiru sinjali sofor fuq naħa għaliex it-trakk tal-ġbir qed isib diffikultà biex jgħaddi minnhom.

Minn naħa l-oħra is-Sindki/rappreżentanti tal-Reġjun talbu sabiex il-kuntrattur jiġi nfurmat biex jinforma lill-ħaddiema tiegħu sabiex ma jibdewx il-ġbir ta' l-iskart qabel is-7 ta' filgħodu. Qed ikollhom ħafna ilmenti mingħand ir-residenti li l-iskart qed jinġabar qabel is-7am u b'hekk mhux jinġabar l-iskart għax meta joħorġuh qed ikun diġa għadda. Barra minn hekk, hemm ilmenti ukoll dwar l-istorbju tat-trakk kmieni filgħodu speċjalment f'żoni turistiċi.

123.4.15 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand il-Ko-Ordinatur tal-Komunikazzjoni (PR) tar-Reġjun dwar il-kuntratt tiegħu li ser jiskadi fit-8 ta' Novembru 2023. Dan il-kuntratt jista jiġi mġedded skond it-termini tiegħu, iżda hu talab xi tibdiliet peress li ħa jagħti aktar attenzjoni lill-istudju tiegħu. Għalhekk talab sabiex is-siegħat jonqsu minn 25 għal 5 (il-minimu) u li dawn ikunu kollha remote-working. Dawn it-tibdiliet ġew approvati u l-kuntratt tiegħu ġie mġedded għal sena oħra.

123.4.16 Ir-Reġjun irċieva ittra legali mingħand Electrical Supplies & Services Ltd. (ESS Ltd.) dwar allegat kontijiet pendenti. Il-President informa lill-membri li dawn kienu diġà għamlu akkuża simili fil-passat iżda issa l-ammont allegat huwa iżjed minn dubju ta' dak allegat fil-passat. Wieħed irrid jinnota li r-Reġjun iħallas il-kontijiet ta' din il-kumpanija flimkien ma' ta kumpaniji oħra kull xahar. Ir-Reġjun inkariga lill-avukat tiegħu biex jirrispondi din l-ittra uffiċjali u għandha ssir laqgħa magħhom fil-jiem li ġejjin.

123.4.17 Il-Maniġer tal-Kultura bagħtet email bil-financial overview tal-Bid Book ta' Għawdex bħala Reġjun Ewropew tal-Gastronomija għas-sena 2026 u dak li huwa inkluż fl-istess Bid Book. Dan l-ammont huwa ta' madwar €1,777,800, iżda ta' min jinnota li dan jinkludi attivitajiet u avvenimenti li diġà qed isiru. Ġie enfasizzat li għal dan il-għan il-

parteċipanti ser jiġu nformati li huma stess jridu jakkwistaw fondi minn terzi li jinkludu wkoll fondi tal-Ewropa.

123.4.18 Il-membri tar-Reġjun ġew infurmati li ser issir Monitoring Visit fuq il-Reġjun Għawdex mingħand il-*"Congress Rapporteurs on Local Democracy in Malta".* Dawn ser jiltaqgħu mal-President nhar l-Erbgħa 8 ta' Novembru 2023.

123.4.19 Ser issir attivita imsejjħa *"Patriotism = Anti-Racism"*. Din ser ssir fis-sala tal-Kunsill Lokali tal-Għarb nhar il-Ħamis 9 ta' Novembru 2023 bejn is-6 u 7.30 ta' filgħaxija. Kulħadd huwa mistieden.

**123.5 Skema SPI.SCI.10.2022 Espressjoni ta' Interess-Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex.**

123.5.1 Dwar l-imsemmija skema l-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva sitt applikazzjonijiet (tnejn minnhom minn l-istess Kunsill). Sabiex jkun jista jibda x-xogħol mill-Kunsilli r-Reġjun qed jistenna l-approvazzjoni mingħand id-Diviżjoni għal Gvern Lokali. Pero għad m'għandux *"detailed bill of quantities"* għal żewġ latrini (tal-Kunsill tal-Għarb) u għalhekk ma jistgħux jibdew. Is-Sindku tal-Għarb qal li hu ma jistax iġib *detailed bill of quantities* peress li t-tip ta' latrina li se jintużaw huma latrini *"all inclusive"*. Il-membri qablu li jekk ir-Reġjun ma jingħatax l-informazzjoni meħtieġa għandu jitlob lid-Diviżjoni sabiex ikun jista jingħata permess biex jmexxi b'erbgħa applikazzjonijiet minflokk b'sitta.

**123.6 Aġġornament tas-sejħiet għall-kwotazzjonijiet u offerti**

123.6.1 Peress li għaddew diversi xhur minn meta ħarġu ċerti sejħiet għall-kwotazzjonijiet u offerti s-Segretarja ħasset il-ħtieġa li ġġib l-approvazzjoni mill-ġdid sabiex l-offerti segwenti jitkomplew. Dawn huma:

- Servizz ta' konsulenza lill-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex dwar l-iżvilupp ta' sistema ta' rapport ta' inċidenti tad-dawl tat-toroq" - Dan qiegħed fi stat biex jiġi evalwat. Il-membri preżenti approvaw li din il-kwotazzjoni tibqa għaddejja u ser jissejjaħ bord ta' evalwazzjoni mill-membri tar-Reġjun stess.

- Framework Contract for the Provision and Maintenance of Energy Efficient Street Lighting in Several Localities of Gozo – Dan il-kuntratt jinsab imwaqqaf għal kollox. Il-Maniġer il-ġdid tal-Immaniġjar tal-Proġetti talab l-approvazzjoni sabiex jaħdem fuqu sabiex dan jerġa jinħareġ mill-ġdid. Il-membri preżenti approvaw li dan jinħareġ.

**123.7 <u>Impjieg tal-pożizzjoni tar-Reġistratur tat-Tribunal / Assistent tas-Segretarju Ezekuttiv.</u>**

**123.7.1** Wara li ġiet approvatha fl-aħħar laqgħa, s-sejħa tal-pożizzjoni tar-Reġistratur tat-Tribunal/Assistent tas-Segretarju (skala 11) ġiet ippubblikata internament u kien hemm applikazzjoni waħda biss. Din kienet tal-EO tar. Reġjun, is-Sur Vincent Xerri, li qed jagħmel ix-xogħol ta' Reġistratur. Wara li ġie ċċertifikat li dan għandu l-kwalifiki kollha meħtieġa, l-membri tar-Reġjun approvaw li s-Sur Vincent Xerri jiġi promoss għal Skala 11 bħala Reġistratur/Assistant Principal.

**123.8 Problema ta' Vetturi pparkjati fejn ikun hemm permess maħruġ mill-Kunsill.**

123.8.1 Fuq talba tal-Kunsill Lokali tal-Munxar u l-Kunsill Lokali tal-Qala, ser jiġi diskuss il-problema li qed jiffaċċjaw diversi Kunsilli f'Għawdex meta joħorġu permessi ta' *No Parking* lill-kuntratturi u dawn ma jiġux obduti u osservati mill-pubbliku. Il-Kunsilli mhumiex isibu assistenza mingħand il-Pulizija kif ukoll mingħand il-LESA u TM. Is-Segretarja bagħtet lis-Supritendent tal-Pulizija ta' Għawdex kif ukoll lis-CEO tal-LESA. Il-Pulizija nformaw li din hija responsabbiltà tal-LESA, mentri LESA nformat lir-Reġjun li mhumiex mgħammra biex jagħtu dan is-servizz f'Għawdex. Il-membri preżenti talbu li tintbagħat korrispondenza lill-Ministru Byron Camilleri li huwa responsabbli mill-Pulizija u LESA dwar din il-problema sabiex tissolva kemm jista' jkun malajr. Hija inġustizzja kbira li fil-gżira ta' Għawdex ma jkunx hemm l-istess livell ta' servizzi u infurzar mill-uffiċjali tal-Pulizija u dawk tal-LESA, kif qed isir f' Malta. Ir-Reġjun ta' Għawdex jistħoqlu aħjar.

**123.9 Materji oħra.**

123.9.1 Is-Sindku tax-Xagħra, is-Sur Aaron Aġius ilmenta dwar il-bozoz li mhux jixgħelu fl-inħawi ta' Ta' Ħamet. Is-Segretarja Ezekuttiva għandha tieħu ħsieb li tkellem lill-kuntrattur dwar dan.

**123.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

123.10.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 135 li kienet tammonta għal €349,712.01.

**123.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

**123.11.1** Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 23 ta' Novembru 2023, fis-6:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |